# IT-TIENI SEZZJONI — AWLA KUMMERĊJALI

21 ta' Jannar, 1955

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Gio Maria Fenech *versus* Gio Maria Grima

**Lokazzjoni — Morożità fil-Ħlas tal-Kera — Kondizzjoni Riżolutiva — Purgazzjoni tal-Mora — Art. 1111 u 1659 (2) tal-Kodiċi Ċivili, u art. 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**

*Id-dispożizzjoni ta' l-art.* 121 *tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li tgħid li fil-kuntratti kummerċjali l-kondizzjoni riżolutiva taċita msemmija fl-art.* 1111 *tal-Kodiċi Ċivili tħoll il-kuntratt "ipso jure", u l-Qorti ma tistax tagħti żmien għall-purgazzjoni tal-mora, ma dderogatx id-dispożizzjoni ta' l-art.* 1659 (2) *tal-Kodiċi Ċivili, li biha hija mogħtija lill-Qorti l-fakoltà li takkorda lill-inkwilin il-benefiċċju tal-purgazzjoni tal-mora, meta r-riżoluzzjoni tal-kuntratt ma tkunx ġiet espressament konvenuta, u meta ċ-ċirkustanzi jkunu favorevoli u ma jkunx hemm ħsara għall-parti l-oħra.*

*Għaldaqstant, jekk l-inkwilin ta' ħanut jibqa' moruż fil-ħlas tal-kera, u jirrikorru l-elementi previsti fl-imsemmi art.* 1659 (2) *tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tista' teżerċita l-fakoltà li takkordalu l-benefiċċju tal-purgazzjoni tal-mora, avvolja hemm id-dispożizzjoni ta' l-art.* 121 *tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biħ l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut baqa' moruż fil-pagament tal-kera tal-ħanut il-Mellieħa, Piazza Mellieħa, numru 3, li kien ġie lilu mikri, flimkien ma' l-avvjament, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Antonio Galea

tat-2 ta' Mejju, 1951 (dok. A), u għandu jagħti lill-attur £24.3.0 għal tliet xhur kera mill-ewwel ta' Mejju, sal-31 ta' Lulju, 1954; talab li, wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-kuntratt ta' lokazzjoni fuq imsemmi jiġi dikjarat riżolut għaż-żmien li fadal minħabba l-morożità fil-pagament tal-kera, u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat jiżgombra l-ħanut fuq imsemmi fi żmien qasir u perentorju li tipprefiġġi l-Qorti; u jiġi kundannat iħallsu l-imsemmija somma ta' £24.3.0 għall-kera fuq imsemmi, bl-imgħax mill-iskadenza. U bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1954, li biha ġie deċiż a tenur tat-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż, u ġie prefiss lill-konvenut it-terminu ta' tliet ġimgħat biex jiżgombra; wara li kkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta' l-attur, u anki minn dik tal-konvenut, jirriżulta illi l-konvenut huwa lura fil-ħlas tal-kera tal-ħanut imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni għall-perijodu ndikat fl-istess att, jiġifieri għal tliet xhur; liema kera għal dak il-perijodu jammonta għas-somma mitluba fl-istess att taċ-ċitazzjoni;

Illi fil-kuntratti kummerċjali l-kondizzjoni riżolutiva taċita msemmija fl-art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili ħoll il-kuntratt "ipso jure", u l-Qorti ma tistax tagħti żmien lill-konvenut sabiex jiġi meħlus mill-mora;

Illi għaldaqshekk it-talbiet ta' l-attur huma ġustifikati;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata. billi d-domandi ta' l-attur jiġu respinti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanza kontra tiegħu;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi, kif sewwa rriteniet is-sentenza appellata, jirriżulta li l-appellant huwa debitur ta' l-attur fis-somma reklamata bl-att taċ-ċitazzjoni u għar-raġunijiet hemm imsemmija;

**Ikkunsidrat;**

Illi, kwantu għall-ewwel talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, relativa għar-riżoluzzjoni ta' l-att tal-lokazzjoni stipu-

lat lbeju il-kontendenti fit-2 ta' Mejju, 1951 (fol. 4), ġie reċentement deċiż minn din il-Qorti fit-3 ta' Diċembru, 1954, in re "Holland vs. La Rosa", illi d-dispożizzjoni ta' l-art. 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ ma dderogatx dik ta' l-art 1659(2) tal-Kodiċi Ċivili, li biha hija mogħtija lill-Qorti l-fakoltà li takkorda lid-debitur il-benefiċċju tal-purgazzjoni tal-mora meta r-riżoluzzjoni tal-kuntratt ma tkunx ġiet espressament konvenuta, u meta ċ-ċirkustanzi jkunu favorevoli u ma jkunx hemm ħsara għall-attur. L-interpretazzjoni mogħtija f'dik is-sentenza hija bażata fuq l-istess liġi kummerċjali; u għalhekk l-artikolu ċitat fl-aħħar nota ta' l-attur ma jistax ikollu effett fuq dik l-interpretazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-każ il-Qorti jidhrilha li hemm raġunijiet sufficjenti, fis-sens ta' l-imsemmija dispożizzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-art. 1659 tal-Kodiċi Ċivili, għall-eżerċizzju tal-fakoltà hemm kontemplata;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell, iżda biss fis-sens li l-ewwel domanda kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, jiġifieri dik relativa għar-riżoluzzjoni ta' l-att tal-lokazzjoni u għall-konsegwenti żgumbrament mill-ħanut imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, għandhom jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, fil-meritu u fil-kap ta' l-ispejjeż, kemm il-darba l-appellant, fi żmien tmien tijiem, ma jkunx ħallas lill-attur il-kera kontra tiegħu kanonizzat bit-tieni domanda fl-istess ċitazzjoni kontenuta. Fil-każ li jsir dan il-ħlas, l-ispejjeż relativi ta' l-ewwel istanza jitħallsu kollha mill-appellant, u dawk ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa. Fil-każ ta' nuqqas ta' dak il-ħlas, it-terminu ta' tliet gimgħat impost għall-iżgumbrament bis-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-lum;

*U tirrespinġi* l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata għall-kumplament; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant;

*U fis-sens* fuq imsemmi rriformat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina fid-29 ta' Ottubru, 1954.